*u għalhekk iħoss ruħu mkabbar meta jisma' min ifaħħarlu l-kumpaeżani kbar tiegħu.*

*Għaldaqshekk huwa dmir, biex ingħid hekk, li l-popli u l-Gvernijiet tagħhom jagħtu dak il-ġieh li jistħoqq lin-nies kbar tal-pajjiż; imma aħna naraw li kull nazzjon tunura lill-kbar tagħha mhux għax hi obbligata tagħmel hekk, imma għax tħoss tqanqila ta' ferħ u ta' foħrija meta tfaħħar dawk in-nies kbar li għamlulha ġieh u għallewha fost il-barranin. Barra minn Malta l-aqwa festi jsiru, aktarx kollha, b'tifkira tan-nies il-kbar u jieħdu sehem il-klassijiet kollha, mill-Kap tal-Gvern sa l-ifqar bniedem.*

*Mela jixraq ħafna li aħna nimxu mal-popli ċivilizzati u nagħtu ġieh u foħrija lill-kbar tagħna. Tassew li aħna poplu żgħir fil-għadd tan-nies, iżda aħna wkoll għandna n-nies kbar tagħna, li għamlu ġieh fl-istorja ta' nazzjonijiet oħra.*

*Wieħed minn dawn ulied Malta li ħa sehem fit-tiswir ta' l-istorja tal-Mediterran hu l-Kanonku Franġisku Saverju Caruana, li dis-sena jaħbat iċ-ċentinarju tiegħu. Caruana ħalla bosta għaj-dut waraih, min faħħru u min maqdru, imma ħadd ma ċaħad li ma kienx wieħed mill-Kapijiet Maltin l-aktar imsemmija u li l-ħidma tiegħu kellha sehem kbir fl-istorja ta' Malta u tal-pajjiżi l-oħra tal-Mediterran. Għalhekk aħna dehrilna li għandna nġibu xi ħaġa fuq ħajtu, billi l-"Għaqda tal-Kittieba" qatt ma baqgħet lura fejn indaħal il-ġieh ta' Malta u tal-Maltin.*

---

## AVVIŻ EDITORJALI

Fil-waqt li għandna l-pjaċir inħabbru illi t-Tabib Ġużè Galea, M.D., D.P.H., President tal-"Għaqda" u Direttur ta' din ir-Rivista, ġie maħtur bħala Professur tal-Mediċina Legali fl-Università tagħna, u, għalhekk jinsab imsiefer għal Kors ta' taħriġ f'din il-materja, ngħarrfu illi floku, bħala Aġent Direttur ta' *Il-Malti* daħal il-Viċi-President, is-Sur Nin Cremona. Kull kitba ta' proża jew poeżija għall-istampa f'*Il-Malti* għandha, għalhekk, tinbagħat lilu.

Fil-waqt li nifirħu lit-Tabib Galea għal din in-nomina ta' ġieh ġdid għal ismu ,nixtiqulu kull risq għalli ġej bit-tama li ma ndumux ma nerġgħu narawh fostna u b'ħiltu jżejjen il-kariga sabiħa tiegħu ma' dik li għandu fid-Dipartiment tas-Saħħa.



## JEKK....

*Ta'* K. VASSALLO

Jekk tiskot għax jaqbel,
int b'ġifa tingħad;
jekk fehmtek bla biża'
tfissirha, tinbagħ'd.

Jekk tisma' u ma twieġeb,
tħassibhom ħażin;
jekk m'ieħor tħaqqaqha,
titgħallet fil-ħin.

Jekk tibla' kliem għajrek,
tittieħed b'mazzun;
jekk tiżnu bil-mehel,
jgħadduk ta' brikkun.

Jekk tgħid li mill-għadu
waqtiet ħabib agħar,
jixluk li qed toħlom
imqajjem bin-nhar.

Jekk tnewwaħ u tingħi
u tokrob u ssum,
igħarrquk f'baħar wegħdi
ta' ħolm bla mitmum.

Jekk tarfa' ftit rasek
u tfarfar ġwinħajk,
jgħajruk sfiq u kburi,
jaqtgħulek saqajk.

Titkasbar jekk turi
li int ma taf xejn;
jekk int turi xirfek,
tiddobba daqqtejn.

Jekk tkun twajjeb żejjed,
tinbidel f'tapit;
titmeżmżek il-kotra,
jekk xieref u mqit.

Jekk f'ħuk tbarri s-sifja
u ssiblu l-qamħ bnin,
bla siwi l-ħżuż tiegħek:
m'għandekx għarbiel fin.

Jekk tfaħħru wissawtu
b'kejl wieħed u qies,
tkun eqqel ix-xebgħa:
m'intix magħdud b'nies.

Jekk int f'qagħda tajba
li 'l sieħbek taqdih,
igħollik fuq il-bqija:
int anġlu għalih!

Jekk, iżda, int innifsek
b'setgħatek infdejt,
min mellsek ftit ilu
jgħallik f'borma żejt.

Jekk għommtok fil-beraħ
tistqarr, ilumuk;
jekk inti tistorha,
tarahom jixluk.

Jekk int tiftaħ qalbek
ma' sħabek, jaqluk;
jekk inti taħrabhom,
bil-kitba jilħquk.

Jekk tidħol fil-ġlieda,
taqlagħha bis-sħiħ;
jekk int tibqa' barra,
tkun ġifa u beżżiegħ.

Warajk jiġu jnemmsu
jekk toħroġ fit-trieq;
jekk tibqa' ġo darek,
tinfena bid-djieq.